MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 681/2005

**Victoria, Saviour, Raymond, Vincent u Carmel ahwa Vella**

**vs**

**Victor u Margaret Schiavone**

Il-Qorti:rat ic-citazzjoni mressqa minn Victoria, Saviour, Raymond, Vincent u Carmel ahwa Vella, li permezz taghha, wara li ppremettiet illi:

Permezz ta' citazzjoni datata 21 ta' Frar 2000, fl-ismijiet "Victor Schiavone u Margaret Schiavone vs Salvino u Carmela Vella" (328/2000 JA), il-konvenuti Victor Schiavone u Margaret Schiavone ppremettew illi huma proprjetarji ta' garaxx u kantina tahtha f'203, Victory Street, Senglea, waqt li Salvino Vella u Carmela Vella huma l-proprjetarji tal-fond sovrastanti, u cioe' 204, Victory Street, Senglea.

L-imsemmija Victor u Margaret Schiavone ppremettew ulterjorment illi s-saqaf tal-fond proprjeta' taghhom ikkollassa stante li l-konvenuti naqsu milli jersqu ghat-tiswijiet necessarji, u dan il-kollass ikkawzalhom danni stante li fil-garage kien hemm ghodda u oggetti li hafna minnhom tkissru irrimedjabilment u stante wkoll li ma setghux jibqghu jipparkeggjaw il-vettura taghhom fl-imsemmi garaxx.

Ghaldaqstant, Victor u Margaret Schiavone talbu lill-Onorabbli Qorti sabiex (1) tiddikjara li partijiet mill-post 204, Victory Street, Senglea, waqa' fuq il-proprjeta' tal-atturi minhabba li l-post 204 gie abbandunat bi traskuragni u negligenza lill-konvenuti u ghalhekk b'tortijiet imputabbli kompletament lilhom; (2) tillikwida l-hsarat kagunati u tikkonstata t-tiswijiet li jridu jsiru okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi; (3) tordna li l-konvenuti fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti jnaddfu kompletament il-garage numru 203, Victory Street, Senglea, u l-kantina taghha minn kull imbarazz u materjal li waqa' minn fuq bit-tkissir kagunat; (4) tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat mill-Qorti jsewwu u jqeghdu fl-istat pristinu l-imsemmi garaxx 203, Victory Street, Senglea, u l-kantina taghha; (5) tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma li tigi hekk likwidata bhala l-ammontanti tad-danni u hsarat li huma soffrew minhabba dan in-nuqqas; (6) tawtorizza lill-atturi sabiex jekk kemm-il darba l-konvenuti jonqsu milli jaghmlu t-tindif u t-tiswijiet necessarji jkunu jistghu iwettqu dawn a spejjez tal-istess konvenuti.

Salvino Vella, missier l-atturi, miet fil-mori tal-kawza, u b'digriet tat-30 ta' Novembru 2000, Dr. Martin Fenech u l-P.L. Victor Bugeja gew nonminati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assi tal-mejjet konvenut Salvino Vella u eventwalment b'digriet tas-16 ta' Jannar 2002, Dr. Chris Cilia u l-P.L. Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi in rapprezentanza tas-sidien mhux maghrufa.

Nhar l-10 ta' Mejju 2004, din l-Onorabbli Qorti ddecidiet billi laqghet it-talbiet atturi u, inter alia, illikwidat id-danni fl-

ammont ta’ sitt elef lira Maltija (Lm6,000) u kkundannat lill-konvenuti f’dik il-kawza sabiex ihallsu s-somma kif likwidata (Dok. A).

A bazi ta’ din is-sentenza, il-konvenuti Schiavone talbu u ottjenew il-hrug ta’ mandat ta’ qbid (ezekuttiv) bin-numru 190/2005 (Dok. B) u dana kontra l-konvenuta Carmela Vella, li tigi omm l-atturi fil-kawza prezenti.

L-ewwel darba li l-atturi ahwa Vella saru jafu bil-proceduri msemmija u bis-sentenza moghtija kontrihom kien meta l-marixxall ipprova jinnotifika l-mandat ta’ qbid ezekuttiv kontra ommhom Carmela Vella fl-indirizz tal-istess atturi.

Mill-atti tal-kawza jidher li gew nominati kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eredita’ tal-mejjet u lis-sidien mhux maghrufa, pero’ dawn il-kuraturi assolutament qatt ma kkomunikaw mal-ahwa Vella: dan minkejja l-obbligu li l-kuraturi jaghmlu dan ai termini tal-Artiklu 870(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u minkejja li seta’ jigi facilment ikkostatat li l-ahwa Vella kienu l-eredi tad-decuius Salvino Vella.

Minhabba li jezisti dizgwid familjari tant li Carmela Vella u uliedha l-atturi jinsabu involuti fi proceduri legali kontra xulxin, l-imsemmija Carmela Vella lanqas infurmat lil uliedha bil-kawza pprezentata mill-konvenuti Schiavone, u minhabba dawn ic-cirkostanzi, l-ahwa Vella qatt ma gew notifikati bic-citazzjoni 328/2000 JA u ghalhekk ma kellhomx ic-cans jipprezentaw id-difiza taghhom.

Jigi rilevat li minhabba nuqqas ta’ qbil bejn il-konvenuti ma kinux inbdew proceduri ta’ ritrattazzjoni ai termini tal-artikli 811 sa 825 tal-Kap. 12. Madanakollu, l-atturi jissottomettu li l-ammonti li gew ordnati jhallsu mill-Qorti fil-kawza “Victor Schiavone u Margaret Schiavone vs Salvino u Carmelo Vella (328/2000 JA) mhuwiex dovut lill-konvenuti Schiavone stante li fl-ahhar ta’ Ottubru 2000, l-atturi kienu hallsu ghat-tiswijiet kollha fil-garaxx (kif jirrizulta mill-ircevuta mmarkata Dok. C u mill-iskrittura privata tas-6 ta’ Dicembru 2000 immarkata Dok. D).

Minkejja li dan il-fatt gie migjub a konjizzjoni tal-konvenuti Schiavone permezz ta’ ittra datata 22 ta’ Marzu 2005, l-istess konvenuti Schiavone ghadhom qed jinsistu fuq l-ezekuzzjoni tal-mandat 190/2005 LM.

Dan l-agir huwa llegali ghax ifisser li l-konvenuti qed jitolbu hlas ta’ xi haga li ga thallset.

Inoltre, ghalkemm il-mandat imsemmi gie pprezentat kontra Carmela Vella, l-ezekuzzjoni tal-mandat imsemmi saret fuq oggetti appartenenti lill-atturi, u mhux lill-imsemmija Carmela Vella.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara li l-ammont ta’ sitt elef lira (Lm6,000) f’danni li l-atturi ahwa Vella gew ordnati jhallsu fil-kawza fl-ismijiet (Victor Schiavone u Margaret Schiavone vs Salvino u Carmela Vella” (328/2000 JA) mhuwiex dovut lill-konvenuti Schiavone stante li l-atturi kienu ga hallsu l-ispejjez involuti ghat-tiswija tal-garaxx, u dan assaldu ta’ kull pretensjoni tal-konvenuti Schiavone;

Tiddikjara li l-mandat ta’ qbid bin-nurmu 190/2005 LM fl-ismijiet Victor u Margaret Schiavone kontra Carmela Vella huwa null u ineffikaci fil-konfront tal-atturi ahwa Vella, stante illi l-konvenuti Schiavone ga thallsu mill-atturi u stante li l-ezekuzzjoni ta’ dan il-mandat ma saritx fuq oggetti appartenenti lil Carmela Vella, izda fuq proprjeta’ tal-atturi;

Tirrevoka l-mandat ta’ qbid bin-numru 190/2005 LM fl-ismijiet Victor u Margaret Schiavone kontra Carmela Vella.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-noti tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Victor Schaivone u Margaret Schiavone, li in forza taghha eccepew illi:

Fl-ewwel lok, l-agir tal-esponenti mhuwiex wiehed illegali izda huwa kopert mil-ligi u dan peress li huma ottjenew il-hrug tal-Mandat ta’ Qbid (ezekuttiv) bin-numru 190/2005 minn dina l-Onorabbli Qorti wara li sentenza moghtija minn dina l-istess Onorabbli Qorti fl-10 ta’ Mejju 2004 fl-ismijiet “Victor Schiavone et vs Salvino Vella et” (Citazz. Nru. 328/2000 JA) giet reza definittiva peress li la sar appell minnha u wisq lanqas kawza ta’ ritrattazzjoni;

Minghajr pregudizzju ghal dak li inghad mhuwiex minnu li l-atturi ma kinux jafu bl-ezistenza tal-kawza fl-ismijiet “Victor Schiavone et vs Salvino Vella et” (Citazz. Nru. 328/2000 JA) u dan ghaliex missierhom miet f’Novembru 2000 (ghaxar xhur wara li kienet giet pprezentata l-kawza li kien diga’ nbeda s-smiegh taghha). Fil-fatt, il-kawza kienet giet appuntata ghas-smiegh ghat-3 ta’ Mejju 2000 tant li anke missier l-atturi (li huma suppost il-werrieta tieghu) pprezenta Nota tal-Eccezzjonijiet. Barra minn hekk, l-indirizz li l-atturi qeghdin jghidu li huwa taghhom, waqt is-smiegh tal-kawza indikata minnhom kienet id-dar residenzjali tal-konjugi Vella, il-genituri tal-atturi, u l-korrispondenza kollha anke n-notifiki tal-kawza saru fl-imsemmi indirizz; illi barra minn hekk mhux minnu l-atturi saru jafu bl-ezistenza tal-kawza meta l-marixxal ipprova jinnotifika l-imsemmi mandat ta’ qbid ezekuttiv wara li gie approvat fit-23 ta’ Frar 2005 u dan ghaliex sa minn Dicembru 2004 kienet intbaghtet ittra fl-indirizz tal-konjugi Vella liema ittra hawn annessa u mmarkata bhala “Dokument VS1” qatt ma giet lura fl-ufficcju tal-avukati tal-konvenuti u giet biss mwiegba tlett xhur wara;

Fir-raba’ lok, l-atturi ma jistghux issa jattakkaw il-hrug tal-mandat ta’ qbid (ezekuttiv) bin-numru 190/2005 ghaliex jekk huma l-eredi ta’ missierhom Salvino Vella jekk kellhom jaghmlu kawza kontra l-kuraturi deputati mahtura minn dina l-Onorabbli Qorti u mhux lill-konvenuti jew jaghmlu kawza ta’ ritrattazzjoni, liema kawza ma saritx

mill-atturi proprju ghaliex ma ghandhom ebda wiehed mir-ragunijiet mnizzla fl-Artiklu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jistghu jaghmlu tali kawza;

L-esponenti jichdu kategorikament li qatt sar xi pagament lilhom skont id-Dokument "D"ipprezentat mill-atturi, liema dokument li huwa datat 6 ta' Dicembru 2000 ma huwa ffirmat minn hadd ghajr il-Perit Alan Saliba;

Is-somma ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) moghtija lill-esponenti permezz tas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet "Victor Schiavone et vs Salvino Vella et" (Citazz. Nru. 328/2000 JA) ma ghandha x'jaqsmu xejn mat-tiswijiet li kienet ordnatilhom li jaghmlu l-familja Vella skont dik is-sentenza u jekk ghamlu dawn it-tiswijiet dawn saru fl-interess taghhom ukoll u kellhom isiru a spejjez taghhom skont dik l-istess sentenza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni mill-Qorti li huma mhumiex debituri tal-konvenuti u ghalhekk mandat ta' qbid mahrug fil-konfront taghhom ma jghoddx. Isostnu wkoll illi ezekuzzjoni tal-mandat saret fuq proprjeta' taghhom mhux ta' Carmela Vella, debitrici dikjarata fi proceduri anterjuri. Qed jitolbu wkoll it-thassir tal-mandat mahrug kontra Carmela Vella.

Jirrizulta illi fl-10 ta’ Mejju 2004, din il-Qorti diversament presjeduta laqghet talba tal-intimati odjerni u ddecidiet hekk:

“*Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa’ t-talbiet tal-atturi u:*

*1. Tiddikjara li l-partijiet mill-fond 204, Victory Street, Senglea, waqa’ fuq proprjeta’ tal-atturi 203, Victory Street, Senglea, minhabba negligenza tal-konvenuti;*

*2. Tillikwida d-danni ghall-ammont ta’ sitt elef lira (Lm6,000);*

*3. Tordna lill-konvenuti biex fi zmien xahar inaddfu kompletament il-garaxx numru 203, Victory Street, Senglea, u l-kantina taghha minn kull materjal li waqa’;*

*4. Tordna lill-konvenuti biex fi zmien xahar isewwu u jqeghdu fl-istat pristinu l-imsemmi garage 203, Victory Street, Senglea, u l-kantina tgahha;*

*5. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ Lm6,000 fuq imsemmija;*

*Tawtorizza lill-atturi biex jekk il-konvenuti jonqsu milli jaghmlu t-tindif u tiswijiet necessarji jaghmlu dan huma spejjez tal-konvenuti, taht is-sorveljanza tal-AIC Rene Buttigieg.*

*L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti fi kwoti ugwali bejniethom izda l-atturi ghandhom provizorjament ihallsu lill-kuraturi deputati.*”

Il-konvenuti f’dik il-kawza kienu Salvino Vella, missier l-atturi odjerni u wara l-mewt ta’ Salvino Vella, gew mahtura kuraturi jirraprezentaw l-assi tal-mejjet Salvino Vella u kuraturi ohra biex jirraprezentaw is-sidien mhux maghrufa. Kienet konvenuta wkoll kontra Carmela Vella ommhom. L-atturi odjerni jsostnu li meta nghatat dik is-sentenza huma kienu diga’ hallsu l-ispejjez ghat-tiswija lill-konjugi

Schiavone. Isostnu wkoll illi ma kinux jafu b'dawk il-proceduri.

Jirrizulta illi sabiex jezegwixxu s-sentenza fuq citata, il-konvenuti odjerni talbu li ottjenew il-hrug ta' mandat ta' qbid fil-konfront ta' Carmela Vella. Dan il-mandat gie esegwit fin-numru 28, Triq Dun Mauro Inguanez, Birkirkara, residenza registrata fl-atti bhala dik ta' Carmela Vella.

Jibda biex jinghad illi l-ligi tipprovdi biss rimedju wiehed possibli sabiex tigi mibdula sentenza li tkun ghaddiet in gudikat u cioe' r-ritrattazzjoni. Kif irriteniet il-Qorti fil-kawza "Gerada vs Caruana" (deciza fit-28 ta' Gunju 1973):

"*L-effikacja guridika u socjali tal-gudikat tirrikjedi illi l-amministrazzjoni tal-gustizzja da parti tal-Qorti tal-pajjiz ma tigix imfixkla u intralcjata billi fi kwalunkwe zmien u bla ebda limiti l-parti li titlef kawza terga' tqajjem kwistjonijiet rigward taghha u terga' tiftahha.*"

Fil-kawza "Martin Farrugia vs John Mifsud" (deciza mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri fil-31 ta' Lulju 1996) gie ritenut illi:

"*L-uniku rimedju straordinarju kontemplat fil-ligi tal-procedura ghar-revizjoni ta' sentenzi li ghaddew in gudikat huwa l-istitut tar-ritrattazzjoni.*"

Fil-kawza "Carmelo Cassar Parnis vs Gustavo Soler et" (deciza mill-Prim'Awla fil-11 ta' Marzu 1949) intqal illi:

"*Il-legislatur jaghti lil kull interessat f'dik is-sentenza l-mezzi biex iwaqqghuha bhala nulla, u jekk huwa ma juzax dawk ir-rimedji ma ghandux ghalfejn jilmenta mill-inflessibilita' tal-principju tal-irrekovabilita' tal-gudikat.*"

Dak li qed jittentaw jottjenu l-atturi odjerni huwa t-thassir tas-sentenza moghtija fil-konfront ta' ommhom u kontrihom ukoll kif rapprezentati minn kuraturi. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma jistax isir. Ic-certezza ta' dikjarazzjoni ta' jedd hija materja ta' ordni pubbliku u ma

tistax tigi mxellfa hlief f'dawk il-kazijiet li tippermetti l-ligi, u li f'kull kaz ghandhom jibqghu soggetti ghall-interpretazzjoni ristrettissima.

Il-Qorti, madanakollu, izzid tirrimarka zewg fatturi – l-ewwel huwa l-fatt li fil-proceduri decizi, l-atturi odjerni kienu regolarment rapprezentati minn kuraturi li kienu qeghdin jittetulaw l-interessi taghhom regolarment u skont il-ligi.

Il-fattur l-iehor jirrigwarda l-gharfien taghhom ta' dawk il-proceduri. Din il-Qorti ssibha ssibha difficli temmen li huma ma kinux jafu bil-kawza pendenti kontra l-genituri taghhom. Fiz-zmien tal-kawza huma kienu ghadhom jirrisjedu flimkien ma' ommhom, fl-indirizz fejn gie esegwit il-mandat li qed jilmentaw dwar llum. Inoltre, erba' snin qabel ma giet deciza l-kawza kienu ppartecipaw f'tahdidiet mal-perit Saliba li kien anke abbozza ftehim li pero' qat ma gie ffirmat. Snin qabel is-sentenza kienu saru diversi attentati biex tissewwa l-hsara. Il-Perit Alan Saliba jikkonferma illi anke wara s-sentenza (huwa jsemmi Frar 2006) kien rega' mar fuq il-post u ssuggerixxa tiswijiet ulterjuri.

Inoltre, Victor Schiavone jikkonferma fix-xhieda tieghu illi mhux talli huwa infurmahom lill-atturi b'dawk il-proceduri, izda talli kien ipprovdilhom ukoll lista tal-hsarat li taghhom kien qed jippretendi li jigi risarcit.

Galadarba xejn mhu qieghed ibiddel dak li ddecidiet il-Qorti fid-decizjoni taghha tal-10 ta' Mejju 2004, din il-Qorti tista' tqis biss xi hlasijiet setghu saru wara dik id-data. Huwa dan biss li jista' jkollu xi effett fuq il-mandat li minnu qed jilmentaw l-atturi. Ma jirrizulta lill-Qorti li sar ebda hlas konsegwenti ghas-sentenza ghaliex l-uniku hlas sar taht protesta u bla pregudizzju ghal dawn il-proceduri.

L-atturi qed jitolbu wkoll lill-Qorti tiddikjara li l-mandat ta' qbid ma jiswiex. Ir-ragunijiet li jaghtu ghal dan huma tnejn. L-ewwelnett isostnu li diga' hallsu lill-konvenuti. Kif intqal aktar 'il fuq, il-hlas li sar wara li nhareg il-mandat de quo

sar minghajr ebda ammissjoni ta’ tort. Ma saret abda prova li sar xi forma ta’ pagament iehor.

L-atturi jsostnu wkoll illi l-mandat huwa null ghaliex l-ezekuzzjoni ma saritx fuq oggetti proprjeta’ ta’ Carmela Vella. Hawnhekk ukoll, il-Qorti tqis li l-atturi m’ghandhomx ragun. Jibda biex jinghad illi l-mandat gie esegwit fl-indirizz li dejjem kien maghruf bhala dak fejn toqghod Carmela Vella. Il-Marixxal Louis Muscat xehed hekk:

“*Mort fl-indirizz moghti meta dhalt gewwa spjegajtilhom in-natura tal-mandat u qaluli illi Carmela Vella ma toqghodx hemmhekk, pero’ kellha hwejjigha hemmhekk. Indikawli liema kienu l-hwejjeg ta’ Carmela Vella u jiena nizzilthom fil-mandat. Kien hemm xi affarijiet li kienu maqfula pero’ jiena stajt narahom mill-hgieg u kienu qaluli illi c-cavetta biex taghti access ghal dawk l-oggetti kienet ghand Carmela Vella.*”

L-atturi ma gabu ebda prova biex jeghlbu l-presunzjoni li l-oggetti maqbuda huma proprjeta’ ta’ ommhom, presunzjoni din imnissla mill-fatt li kienu fil-fond tar-residenza ta’ ommhom. Fid-dawl tax-xhieda mhux kontradetta tal-Marixxal fuq citata, il-Qorti tqis li m’ghandhomx ragun.

Ghalhekk, il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi, it-talbiet tal-atturi mhumiex fondati fid-dritt u ghalhekk mhux ser jintlaqghu.

Ghalhekk, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti skont kif intqal aktar ‘il fuq f’din is-sentenza, tichad it-talbiet tal-atturi ghaliex mhux misthoqqa.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Victoria, Saviour, Raymond, Vincent u Carmel ahwa Vella.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------